MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2010

Appell Civili Numru. 1350/2007/1

**Michael Farrugia**

**v.**

**Alexander Galea**

**Il-Qorti:**

B'rikors guramentatipprezentat quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Dicembru, 2007, l-attur ippremetta :

Illi b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Scriha tal-5 ta' Lulju 2002, l-attur iggarantixxa self moghti lill-intimat kif ukoll facilita` ta' *overdraft* (Dokument MF1); illi wara li l-

Bank of Valletta intavola proceduri kontra r-rikorrent attur, ir-rikorrent attur kien kostrett ihallas id-debitu mill-intimat konvenut dovut lill-bank ghas-self u facilita` tal-*overdraft*; illi r-rikorrent attur hallas lill-Bank of Valletta plc is-somma ta' Lm6,188.66 rapprezentanti Lm4,326.09 il-bilanc ghad-debitu fil-*loan* u l-*overdraft accounts* ta' Alexander Galea mal-Bank of Valletta plc, Lm1,193.28 spejjez legali inkorsi in konnessjoni mal-proceduri fl-ismijiet **Bank of Valletta plc v. Michael Farrugia** (avviz numru 372/06 JAB) deciza fil-5 ta' Frar 2007 u mal-mandati ta' sekwestru numru 517/06 u 651/07, kif ukoll Lm669.29 rapprezentanti imghaxijiet ulterjuri (Dokument MF2, MF3, MF4); illi ghalhekk ir-rikorrent attur ghandu jiehu s-somma ta' Lm6,188.66 minghand il-konvenut intimat; illi l-konvenut intimat gie formalment interpellat ihallas permess ta' ittra ufficjali datata 19 ta' Frar 2007 (Dok MF5) izda huwa baqa' inadempjenti; illi l-ammont huwa cert, likwidu, u dovut, u jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi a tenur tal-Artikoli 167-169A tal-Kodici tal-Procedura Civili; illi l-attur rikorrent jikkonferma u jiddikjara illi sa fejn jaf hu l-intimat konvenut ma ghandu ebda eccezzjoni li jista' jaghti kontra t-talba li qed issir permezz ta' dan ir-rikors guramentat;

Dan premess l-attur talab li dik il-Qorti:

a) Tordna lis-socjeta` konvenuta intimata biex tidher [recte: lill-konvenut biex jidher] quddiem il-Qorti fil-jum u fil-hin li tordna din l-istess Qorti;

b) Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-istanti, b'dispenza ghas-smiegh tal-kawza ai termini tal-Artikoli 167-170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) Tiddikjara li l-konvenut intimat huwa debitur tal-attur rikorrent fis-somma ta' sitt elef, mija, tmienja u tmenin Lira Maltija u sitta u sittin centezmu (Lm6,188.66); u konsegwentement

d) Tikkundanna lill-konvenut intimat ihallas lill-attur rikorrent is-somma ta' sitt elef, mija, tmienja u tmenin Lira Maltija u sitta u sittin centezmu (Lm6,188.66);

Bl-imghaxxijiet legali sad-data tal-effettiv pagament u l-ispejjez tal-prezenti, l-ittra ufficjali Numru 1002/2007, u l-mandat ta' sekwestru numru 1934/2007 kontra l-konvenut intimat li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-digriet ta' dik il-Qorti tat-22 ta' Jannar, 2008 li permezz tieghu ddikjarat illi l-kawza ma setghatx tinstema' bid-dispensa tas-smiegh, kif provdut fl-Artikolu 167 tal-Kap. 12, u ordnat illi l-kawza ssegwi l-kors normali taghha, u pprefiggiet lill-konvenut it-terminu ta' ghoxrin (20) gurnata biex jipprezenta r-risposta tieghu;

Rat illi r-rikors guramentat gie debitament notifikat lill-konvenut li naqas li jipprezenta risposta guramentata u b'hekk baqa' kontumaci;

Rat id-digriet ta' dik il-Qorti tad-29 ta' April 2008 li permezz tieghu:
"Ikkunsidrat illi rrizulta mix-xhieda tal-konvenut illi kemm hu, kif ukoll l-avukat difensur tieghu certament kienu jafu illi l-konvenut kien inghata ghoxrin jum ghall-prezentata tar-risposta tieghu fis-27 ta' Marzu 2008 u fil-kaz tal-konvenut jekk mhux anke qabel u cio` nonostante pprezentaw ir-rikors taghhom fit-18 ta' April 2008, aktar minn tliet gimghat wara.  Il-Qorti tqis dan l-agir tal-konvenut bhala rresponsabbli jekk mhux ukoll addirittura b'disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti u dan in vista wkoll tal-verbal tas-seduta tat-22 ta' Jannar 2008.  Il-konvenut irid lill-Qorti temmnu illi fehem il-kontenut kollu ta' dak il-verbal izda ma fehemx biss illi kellu jipprezenta risposta fi zmien ghoxrin gurnata u dan meta l-Qorti spjegatlu fit-tul il-posizzjoni tieghu u wissietu sabiex ikellem avukat minnufih.  Fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi l-Qorti tichad it-talba tal-konvenut".

Semghet lill-attur Michael Farrugia fis-seduta tad-29 ta' April, 2008 jikkonferma bil-gurament illi l-ammont reklamat fir-rikors guramentat ghadu dovut lilu mill-attur;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut tad-19 ta' Mejju 2008;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attur tas-6 ta’ Gunju 2008;

**Is-sentenza appellata:**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b’sentenza moghtija fis-26 ta’ Gunju, 2008 bil-mod segwenti:

“Billi mill-provi kollha li tressqu l-Qorti tara illi it-talbiet dedotti fir-rikors guramentat jirrizultaw ippruvati;

“Fil-kontumacja tal-konvenut, tiddeciedi billi tichad l-ewwel zewg talbiet attrici u tilqa’ t-tielet u r-raba’ talba attrici, kif dedotti fir-rikors guramentat u hekk tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma ta’ sitt elef, mija, tmienja u tmenin Lira Maltija u sitta u sittin centezmu (Lm6,188.66); ekwivalenti ghal erbaghtax-il elf erba’ mija u hmistax-il Ewro u sebghin Ewro centezmi (€14,415.70) dovuta kif inghad; bl-ispejjez u bl-imghax kif mitluba kontra l-konvenut.”

**L-appell tal-konvenut.**

Il-konvenut hass ruhu aggravat bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk, b’rikors intavolat fil-15 ta’ Lulju, 2008 talab li din il-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza fuq imsemmija billi tikkonfermaha in kwantu cahdet l-ewwel zewg talbiet attrici, u tirrevokaha in kwantu din laqghet it-tielet u r-raba’ talbiet fl-interita` taghhom bl-ispejjez u bl-imghax kif mitlub kontra l-konvenut, b’dan li tichad ukoll it-tielet u r-raba’ talbiet attrici, u bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat.

L-attur appellatipprezenta risposta ghall-appell tal-konvenut fejn talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, l-appell tal-konvenut jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata fl-intier taghha bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimat appellant.

**L-aggravji tal-konvenut appellant.**

Fir-rikors tal-appell jidher li l-appellant elenka tliet aggravji kontra s-sentenza appellata izda wiehed minn dawn, u cioe` dwar il-kontumacja tieghu, lanqas biss ma jista' jigi kkunsidrat billi ma tressaq ebda appell mid-digriet moghti fid-29 ta' April, 2008 meta l-ewwel Qorti cahdet it-talba tal-konvenut biex jigi dikjarat li l-kontumacja tieghu kienet gustifikata u b'hekk takkordalu terminu biex jirrispondi. Dan l-aggravju ghalhekk mhux gustifikat.
L-aggravji l-ohra jikkoncernaw:

a) In-nullita` tas-sentenza billi mhux motivata skond ma jipprovdi l-Artikolu 218 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

b) Il-fatt li t-talbiet mhux sostnuti bi provi.

**Ikkunsidrat:**

Qed jigi sottomess li s-sentenza appellata hija nulla stante li mhix motivata kif trid il-ligi. Infatti jinghad li fis-sentenza appellata nsibu referenza ghas-sottomissjonijiet tal-konvenut u ghas-sottomissjonijiet tal-attur li ghamel b'risposta, izda (il-Qorti) ma tiddelibera xejn dwar il-punti hemm imqajma.

L-Artikolu 218 tal-Kap. 12 jipprovdi li "*Fis-sentenza ghandhom qabel xejn jinghataw ir-ragunijiet li fuqhom il-Qorti tkun ibbazat id-decizjoni taghha, u ghandu jkun hemm fiha wkoll riferenza ghall-procedimenti, ghat-talbiet tal-attur u ghall-eccezzjonijiet tal-konvenut:"*

Illi qabel xejn ghandu jinghad li f'dawn il-proceduri li bdew b'talba ghad-dispensa tas-smiegh a tenur tal-Artikolu 167 tal-Kap. 12 il-konvenut, li kien prezenti fl-ewwel udjenza tat-22 ta' Jannar 2008, inghata l-possibbilita` li jikkontesta t-talba billi l-Qorti hasset li "*hemm eccezzjonijiet x'jinghataw".* B'dan kollu l-konvenut ma ressaq ebda risposta fit-terminu moghti lilu u sahansitra pprezenta rikors biex jiggustifika l-kontumacja tieghu tliet xhur wara l-ewwel udjenza. L-ewwel Qorti ddeskriviet dan in-nuqqas tal-konvenut bhala "*agir irresponsabbli*" u sahansitra "*disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti"*. Minkejja dan l-ewwel

Qorti ma ghaddietx ghas-sentenza dakinhar stess izda tat lill-partijiet il-possibbilita` li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet li fil-fatt saru.

Ghalhekk l-ewwel Qorti kienet pjenament konformi mad-dettami tal-artikolu fuq citat, u gustifikata li tippronunzja ruhha kif hemm fis-sentenza meta hadet konjizzjoni tar-rikors "guramentat" tal-attur, regghat semghet lill-istess attur, u wara li rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-kontendenti u hadet konjizzjoni tal-provi kollha li tressqu, ddecidiet konformement mat-talba attrici. Minn dan jidher li l-ewwel Qorti mhux biss ezaminat sew il-process izda wkoll, a skans ta' xi malintiz semmiet dak kollu li kien jirrizultala. Ghandu jigi precizat ukoll li l-imsemmi Artikolu 218, meta jirrikjedi li jinghataw "ir-ragunijiet li fuqhom il-Qorti tkun ibbazat id-decizjoni taghha", ma jezigix xi tul partikolari jew referenza ghal kull argument li jkun ingieb, jew ripetizzjoni ta' dik li hija gurisprudenza stabbilita, jew li jintqal l-ovvju. Jizbalja min jahseb li t-tul, anke fir-razjocinju tal-Qorti, huwa xi haga pozittiva. Huwa bizzejjed – u anke ferm rakkomandabbli – li r-ragunijiet jingiebu fis-sentenza b'mod car u konciz. It-tul u r-ripetizzjoni huma hela ta' rizorsi! Dan l-aggravju ghalhekk ma jirrizultax gustifikat.

**Ikkunsidrat:**

Fit-tieni aggravju tieghu l-konvenut appellant jilmenta mill-fatt li l-ewwel Qorti donna strahet fuq provi li ma kienux l-ahjar prova. Din il-Qorti izda ma tikkondividix dan il-hsieb. Qabel xejn il-gurament tal-parti ghandu jigi meqjus bhala prova "*madre*", u konklussiva salv prova kuntrarja li f'dan il-kaz ma tezistix stante l-kontumacja tal-konvenut. Hawn naraw li l-attur ikkonferma l-kreditu kemm fir-rikors promotorju kif ukoll fl-udjenza tad-29 ta' April, 2008. Ta' min josserva wkoll li qabel ma gew istitwiti dawn il-proceduri l-konvenut gie interpellat permezz ta' ittra ufficjali biex ihallas lill-attur is-somma li dan tal-ahhar kien gie kundannat jivversa favur il-Bank of Valletta minhabba l-garanzija li huwa kien ghamel fuq is-self li l-konvenut kien ha. Il-konvenut ma jikkontestax li rcieva din l-ittra

ufficjali u lanqas jirrizulta li kkontesta l-kontenut taghha permezz ta' ittra ufficjali responsiva. Inoltre d-dokumenti esebiti, konfortati bil-gurament tal-istess attur, jidhru li kienu sufficjenti ghall-konvinciment tal-ewwel Qorti ghall-akkoljiment tat-talba attrici. Dan l-aggravju ghalhekk ma jirrizultax gustifikat.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tal-konvenut qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjez kontra l-istess konvenut appellant u peress li dan l-appell huwa wkoll wiehed fieragh fis-sens tas-sub-artikolu (4) tal-Artikolu 223 tal-Kap. 12, il-Qorti tikkundanna lill-appellant ihallas lill-appellat l-ispejjez ghal darbtejn.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------